Heritage Malta

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

# PROGRAMM T'ATTIVITAJIET TEMATIĊI GĦALL-GRUPPI TAL-PRIMARJA GĦAS-SENA 2019/2020

Dawn il-programmi edukattivi jibdew fid-9.30 am u jispiċċaw fil-12.30 pm. Għal dawn l-attivitajiet qed naċċettaw massimu ta' 30 student f'kull grupp.
Għal kull programm tematiku tingħabar donazzjoni ta' **€1** minn kull student sabiex tkopri l-ispejjeż tal-materjal użat. Il-lingwa ta' dawn il-programmi edukattivi hija l-Malti però uħud minn dawn il-programmi jistgħu jsiru ukoll bl-Ingliż. Dan irid jiġi ndikat fil-formola tal-*booking* (link hawn taħt).
Sabiex tibbukkjaw dawn il-programmi edukattivi agħfas din il-link: https://heritagemalta.org/schoolbooking/thematic-activities/
Għal aktar informazzjoni ibagħtu email lil Vanessa Ciantar fuq vanessa.ciantar@gov.mt. Il-*booking* tiegħek ma jiġix aċċettat sakemm tasal email ta' konferma minn Heritage Malta.
Waqt dawn l-attivitajiet se jittieħdu xi ritratti li wara ser jintużaw fuq il-media soċjali ta' Heritage Malta. Hija responsabbiltà tal-edukaturi li javżaw lill-ħaddiema ta' Heritage Malta jekk hemm xi tfal li m'għandhomx permess jidhru fir-ritratti.

| Attività | Deskrizzjoni Qasira | Sena | Rabta mal-Kurrikulu | Mużew / Sit | Data |
|---|---|---|---|---|---|
| **P03-19/20 Drawwiet u Tradizzjonijiet marbuta ma' Novembru** | Il-programm edukattiv jinkludi żjara fil-kċina tal-Palazz tal-Inkwiżitur fejn tingħata spjegazzjoni dwar il-preparazzjoni tal-ikel. Dan il-*workshop* jinkludi sessjoni ta' tisjir tal-għadam tal mejtin, ħelu tradizzjonali li jiġi ppreparat matul dan iż-żmien. Il-tfal ikunu jistgħu jilgħabu logħba tradizzjonali marbuta ma' din it-tema. | Il-5 Sena | Malti: 5.1.3, 5.1.4, 5.2.1, 5.2.2, 5.2.4, 5.3.4. Studji Soċjali: L-Ambjent Storiku: 5.1, 5.2. | Il-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu. | 21, 22, 23, 24, 25 t'Ottubru 2019 |
| **P04-19/20 Muża u Immaġinazzjoni fit-Tempji** | Matul dan il-programm edukattiv l-istudenti ikunu jistgħu jiżviluppaw l-immaġinazzjoni permezz tal-kitba ta' storja ambjentata fit-Tempji. Il-programm jinkludi attività marbuta mal-arti preistorika. | Ir-4 Sena | Malti: 4.4.1, 4.4.3, 4.4.4. Arti: 4.2.1, 4.2.3 Ingliż: 4.3.8, 4.3.9, 4.3.15, 4.3.16. | It-Tempji ta' Ħal Tarxien, Ħal Tarxien. | 11, 12, 13, 14, 15 ta' Novembru 2019 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **P05-19/20 Tradizzjonijiet tal-Milied** | Dan il-programm jibda bi żjara tal-wirja permanenti dwar it-tradizzjonijiet tal-Milied f'Malta, u jinkludi wkoll *workshop* dwar il-preparazzjoni u tisjir tal-pudina tal-ħobż. L-istudenti ser ikollhom il-possibbiltà li joħolqu presepju żgħir. | Is-6 Sena | Reliġjon: 4.1, 4.2, 4.3, 4.4, 4.5, 4.6.<br>Malti: 6.1.1, 6.1.2, 6.1.4, 6.2.1, 6.2.2, 6.2.3.<br>Arti: 6.3.1. | Il-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu. | 2, 3, 4, 5, 6 ta' Diċembru 2019 |
| **P06-19/20 Matematika fil-Katakombi Rumani** | Dan il-programm edukattiv jiffoka fuq is-sistemi tal-għadd u l-kejl ta' żmien ir-Rumani u r-rifless tagħhom fil-matematika li nħaddmu llum. Tingħata attenzjoni partikolari lis-simetrija permezz ta' *workshop* dwar l-arti tal-mużajk. Jingħata wkoll tour tas-sit u l-istudenti jkunu jistgħu jżuru l-katakombi. | It-3 Sena | Il-Matematika; Taqsimiet A.3.7, B.3.1, B.3.2, G.3.2, G.3.3, J.3.4, L.3.1, L.3.2 | Il-Katakombi ta' San Pawl, ir-Rabat. | 20, 21, 22, 23, 24 ta' Jannar 2020 |
| **P07-19/20 Wieħed, Tnejn, Tlieta… niżfnu l-Parata** | Gwida animata tal-Birgu ta' żmien l-Assedju l-Kbir tal-1565 u spjega tar-rabta taż-żifna tradizzjonali tal-Parata mal-istess Assedju. L-istudenti jieħdu sehem ukoll f'*workshop* dwar l-istess żifna. | It-3 Sena | Edukazzjoni Fiżika: Żfin Edukattiv<br>Malti: Sezzjoni 3,8,9. Is-smigħ fil-ħajja ta' kuljum, it-tħaddim tal-grammatika u l-letteratura, Sezzjoni 1,2,3,4,5,8,9,10,11. | Il-*Collacchio* u Pjazza Vittorja, il-Birgu. | 17, 18, 19, 20 ta' Frar 2020. |
| **P08-19/20 Induqu l-Ħelu tal-Għid!** | Ħarsa lejn it-tradizzjonijiet Maltin tal-Ġimgħa l-Kbira u tal-Għid il-Kbir. Minbarra spjega tal-wirja permanenti, l-istudenti jkollhom workshop dwar il-ħelu tradizzjonali. | Ir-4 Sena | Malti: 4.1.1, 4.1.3, 4.1.4, 4.2.4.<br>Studji Soċjali: Ambjent Storiku: 4.3.1, 4.3.2, 4.3.3, 4.3.4. | Il-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu. | 27 ta' Marzu, 1, 2, 6, 7 t'April 2020 |
| **P09-19/20 Ġmiel il-Ħrafa** | Ħarsa lejn l-importanza tal-ħrejjef Maltin. L-istudenti jieħdu sehem f'attività marbuta mal-ikel tradizzjoni li jissemma fl-istess ħrafa li tkun animata minn attur. | It-2 Sena | Malti: 2.1.2, 2.1.4, 2.2.2, 2.2.3.<br>Studji Soċjali: Ambjent Storiku: 2.4.1, 2.4.2, 2.4.3. | Il-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu. | 4, 5, 6, 7, 8 ta' Mejju 2020 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **P10-19/20 Ħlejjaq li jgħixu Madwarna** | Programm t'attivitajiet li jintroduċu lit-tfal mal-ambjent naturali b'enfasi fuq l-għasafar u l-friefet il-lejl. | L-1 Sena | Żvilupp Intellettwali: smiegħ ta' stejjer, nesploraw id-dinja li ngħixu fiha, tagħżel u tikklassifika, isaqsu mistoqsijiet, osservazzjoni, kreattività fl-arti. | Mużew tal-Istorja Naturali, iċ-Ċittadella, Għawdex | 1, 2, 3, 4, 5, 8, 9, 10, 11, 12 ta' Ġunju 2020 *Għal aktar informazzjoni ibagħtu email lil Mr. Lawrence Sciberrras fuq lawrence.sciberras @ilearn.edu.mt |